MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR MALTA

## GUDIKATUR DR. MANDUCA PHILIP

Seduta ta' 14 ta' Ottubru, 2002

Talba Numru. 2011/2001/1

**Maltacom p.l.c.**

**Vs**

**Miles Express Cargo Systems Limited**

## It-Tribunal

Wara li ra t-talba attrici ghall-kundanna tas-socjeta konvenuta ghall-hlas ta’ Lm51.75c (wiehed u hamsin lira Maltin u hamsa u sebghin lira Maltin) rappresentanti diversi servizzi ta’ approvazzjoni ta’ tip dwar it-taghmir tal-telekommunikazzjoni bejn it-3 ta’ Settembru 1998 u t-30 ta’ April 2001.

Illi s-socjeta’ konvenuta naqset li thallas is-somma minnha dovuta tas-servizzi fuq imsemmija, skond il-Ligi (Avviz Legali 219 u 220 ta’ l-1998), u dan nonostante li giet

interpellata taghmel dan permezz ta’ ittra ufficjali.

Bl-ispejjes komprizi dawk tal-ittra ufficjali datata 18 ta’ Dicembru, 2001 u bl-imghaxjiet kontra s-socjeta konvenuta li giet ngunta ghas-subizzjoni.

Ra li s-socjeta’ konvenuta baqghet ma pprezentatx risposta ghalkemm debitament notifikata;

Sema’ lill-Joseph Agius u l- Pl Noel Xerri jikkonfermaw bill-gurament li l-ammont mitlub ghadu ma thallasx;

Jiddeciedi billi jilqa’ t-talba attrici bl-ispejjes u bl-interessi skond il-Ligi.

**Dr. Philip Manduca LL.D**
**Gudikatur**